6 ta' Ġunju, 1949

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ġużeppi Borg

## Armi tan-Nar — Konfiska — Art. 3 tal-Kap. 106, Art. 23 u 31 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 7 ta' l-Ordinanza VI ta' l-1947.

*Ħadd ma jista' jżomm f'xi fond, jew ikollu f'idejh, arma tan-nar bla liċenza tal-Pulizija.*

*Meta l-imputat jiġi liberat mill-imputazzjoni taħt il-provvedimenti ta' l-art. 24 tal-Liġijiet Kriminali, huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tapplika jew le ċerti konsegwenzi tal-piena, bħal ma hija l-konfiska. U fil-każ ta' ħwejjeġ li ma jistgħux jinżammu bla liċenza, il-konfiska tagħhom tista' tiġi ordnata anki meta ma*

*jkunx hemm kundanna, u anki jekk il-ħwejjeġ ma jkunux ta' l-akkużat.*

Fuq l-imputazzjoni illi żamm u spara arma tan-nar (xkubetta) mingħajr liċenza tal-Pulizija, l-imsemmi Borg, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fid-19 ta' April 1949, ġie misjub ħati, iżda ġie mogħti lilu l-benefiċċju ta' l-art. 23 Kap. 12. Ġiet ordnata l-konfiska ta' l-ixkubetta;

Borg appella mid-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher illi, meta l-kuntistabbli Barbieri u Gauci marru fir-razzett fejn joqgħod l-imputat biex jgħarrfuh li missieru kien marid gravement l-isptar, ħabbtu l-bieb tar-razzett u qalulu min kienu u għalfejn kienu hemm, l-imputat spara għall-ajru; u meta dawn daħlu fil-bitħa, hu kien għadu bl-ixkubetta f'idu. Wara, l-Għassa, spjega li hu kien spara għaliex beża' li kien xi ħadd sejjer jagħti s-salt għar-razzett;

Aktarx li veru li l-imputat beża'........... Iżda l-versjoni tiegħu, avvolja aċċetata, ma tbiddelx l-aspett ġuridiku tal-każ;

L-art. 3 tal-Kap. 106, li taħtu l-imputat ġie dikjarat ħati, jikkolpixxi kwalunkwe bniedem li jżomm f'xi fond, jew ikollu f'idejh arma tan-nar bla liċenza tal-Pulizija;

Għalhekk, ankorkè l-arma kienet reġistrata talvolta f'isem missier l-imputat (almenu fl-1932), l-imputat hu responsabili; għaliex bil-fatt li hu uża dik l-ixkubetta wera li hu kien qed iżomm jew kellu f'idejh dik l-arma tan-nar, u hu ma kellux liċenza;

Kwantu għall-konfiska, dina hija sewwa; għaliex (1) skond l-art. 31 Kap. 12, hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk jiġux applikati ċerti konsegwenzi tal-piena, bħal ma hija l-konfiska; (2) skond l-emenda ta' l-art. 7 ta' l-Ord. VI ta' l-1947, fil-każ ta' ħwejjeġ li ma jistgħux jinżammu bla liċenza, il-konfiska tagħhom tista' tiġi ordnata anki meta ma jkunx hemm kundanna, u anki jekk dawk il-ħwejjeġ ma jkunux ta' l-akkużat;

F'dan il-każ il-Maġistrat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu f'dan is-sens; u bir-raġun, għaliex min kellu l-liċenza ma kellux jitlaq l-arma—kuntrarjament għad-dispost espress tal-liġi—fejn tista' tiġi f'idejn ħadd ieħor;

Is-sentenza appellata hija għalhekk sewwa;
L-appell hu miċħud.